BIRKIRKARA

Minuti tat-Tnejn u Tletin laqgha tas-Seba Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 11 ta' Mejju 2015 fis 6.30pm.

**Il-Membri**

| | |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Rita Borg (Assenti Skuzata) |
| | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| | Is-Sur Kaylocke Buhagiar |
| | Is-Sur Liam Gauci |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt |
| | Is-Sur Mark George Abdilla |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Herbert Conti (Assenti) |
| | Is-Sur John Mizzi |
| | Is-Sinjura Marie Claire Zammit |
| | Is-Sur John Borg (Assenti) |
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Tas-Swatar** | Is-Sur Matthew Mangion (Assenti Skuzat) |
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-Lys** | Dott. Francesca Zarb |

**L-Ufficjal:**

| | |
|---|---|
| **Deputat Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Arthur Pizzuto |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, u l-Kunsilliera, is- Sur Michael Fenech Adami, is-Sur kaylocke Buhagiar, is-Sur Liam Gauci, s-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur-John Mary (Jimmy) Calleja, s-Sur John Mizzi, Dott. Josianne Cardona Gatt, s-Sinjura Marie Claire Zammit u s-Sur Mark Abdilla. Minn naha tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-Lys kien hemm Dott. Francesca Zarb filwaqt li mil-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar kien hemm is-Sinjur Owen Attard. Ghal din il-laqgha kien hemm l-ambaxxatur is-Sur Rodney Buhagiar izda ma' kienx hemm il-prezenza tal-publiku. Il-laqgha kienet ippreseduta mis-Sindku, s-Sinjura Joanne Debono Grech.

## 1. Talba

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku, s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet it-talba.

## 2. Korrezzjonijiet

Dott. Josianne Cardona Gat qalet li hi kienet talbet lis-segretarju biex tkun skuzata. Ghalhekk il-kelma assenti li tidher f'dawn il-minuti wara isimha ghandha tigi mibdula f' skuzata.

Is-Sur Jimmy Calleja qal li f' 4.6 l-isem is-Sinjorina Marthese Buttigieg ghandu jinbidel fis-Sinjorina Marthese Ebejer.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti bin-numri 30 u 31

3.1 Il-minuti tat-Tletin u wiehed u Tletin laqgha kienu tqassmu mal-agenda w ttiehdu bhala moqrija. Il-minuti gew approvati mill-Kunsilliera prezenti li vvutaw favur, dawn kienu:- s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is- Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Liam Gauci, s-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur-John Mary (Jimmy) Calleja, s-Sur Herbert Conti, s-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur John Mizzi, s-Sinjura Marie Claire Zammit is-Sur Mark Abdilla, Dott Josianne Cardona Gatt u s-Sur John Borg. Il-minuti tal-laqgha 30 u 31 gew approvati mill-membri kollha prezenti u sekondati mis–Sinjur Liam Gauci.

BIRKIRKARA

## 4. Kunsiderazzjonijiet u Affarijiet li jirrizultaw mill-minuti numru 30.

4.1 Dwar il-4.4, rigward l-ittra li kien irceva l-kunsill minghand il-Perit Reuben Sciortino, s-Sindku qalet li hi kienet staqsiet lill-avukat tal-kunsill kellux jikteb lill-perit fejn jinfurmah li f'din l-ittra kien hemm certi inkorettezzi. L-avukat ta l-parir li dan m'ghandux ghalfejn isir peress li l-kunsill kellu l-provi kollha f'idejh.

4.2 Isl-Sur Michael Fenech Adami qal li hu kien iltaqgha mal-perit Noel Gauci ta-*Transport Malta* fejn dan qallu li rigward xogholijiet fi Sqaq it-Tigieg, li ghalihom kellha thallas *Transport Malta*, hu kien ghad jonqsu xi dokumenti biex ikun jista jsir il-pagament. Hu zied jghid li dawn id-dokumenti kienu hemm u kull ma kien ghad jonqos kien ir-rapport minghand il- V&C Contractors Ltd li kien rigward it-testing. Ladarba hu kien jigi mghoti dawn id-dokumenti, kien jista jsir il-pagament lill-Kunsill b'istruzzjonijiet biex dawn il-flus jigu mghodija lil V&C Contractors Ltd. Dawn id-dokumenti jikkonsistu fil-kont minghand il-V&C Contractors Ltd, ic-certifikat tal-perit kif ukoll ir-rapport tat-testing. Hu zied jghid li dawn ghandhom jigu *Certified True Copy* minghand is-Sindku u s-segretarju. Kif kien mal-perit Noel Gauci hu staqsieh ukoll, meta kienet sejra tigi rrangata t-tumbata li kien hemm hdejn Villa Gatt. Dan qallu li x-xogholijiet neccessarji kellhom isiru dik il-gimgha bil-lejl. Hu zied jghid ukoll li kienet harget il-*go ahead* ghax-xogholijiet fi Triq Censu Costa.

## 5. Approvazzjoni tal-pagamenti tal-Kunsill – Lista Numru 22

5.1 Is-Sur Jimmy Calleja staqsa rigward numru 96 u 97, pagamenti lill-Dr Richard Sladden. Is-Segretarju spjega li dawn huma pagamenti ghal servizzi legali dwar kazijiet li kien beda Dr Sladden u li b'permess tad-dipartiment kienu qed jitkomplew minnu peress li dawn kienu waslu

kwazi fl-ahhar. Pero hu zied jghid li meta wiehed imissmal-qorti, dan ma jkollux ideja cara meta kien sejjer jinqata l-kaz.

5.2 Is-Sur Michael Fenech Adami staqsa rigward 93. Dan huwa pagament ghal 'lease agreement' ghal ghaxar tower Kompjuters.

5.3 Is- Sur Mark Abdilla staqsa dwar 133 u 134 'Irregularities Report'. Din kienet multa mill-ERDF ghal- overpayment li kien sar minn dan il-fond. Il-multa originali kienet qrib €64,000 izda din kienet giet aggustata ghal circa €4,000 u €3,000 rispetivament.

Il-Lista tal-pagamenti tqassmet waqt il-laqgha. Din giet approvata mill-membri kolha prezenti u ssekondati mis-Sur Anthony Buttigieg.

## 6. Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

6.1 Is-Sur Michael Fenech Adami informa l-kamra li hu kellu jiltagha mal-perit tal-V&C Contractors Ltd rigward il-hsara fil-madum ta' Pjazza Tomasso Dingli l-Hamis ta' wara u mhux L-Erbgha kif kien mifthiem

6.2 Is-Sur Michael Fenech Adami qal li kienu dahhlulu ilmenti dwar trab li kien qed jittajjar fil-gallariji tan-nies mill-isweepers.

6.3 Is-Sur Mark Abdilla qal li fiz-zona tal-knisja l-qadima hemm hafna hmieg.

6.4 Is-Sur Michael Fenech Adami qal li s-Sibt li ghada kien hemm bowzer kbir ghaddej minn Main Street li kien qed isaqqi il-planters. Dan barra li uza hafna ilma biex saqqa erba planters zamm hafna traffiku.

6.5 Is-Sur Mark Abdilla staqsa kienx possibli li wiehed jistaqsi x'propjeta vojta kellu l-Gvern gewwa Birkirkara li setghet tigi devoluta fill-futur biex b'hekk isir uzu ahjar minnhom.

## 7 Korrispondenza

Ma kienx hemm l-ebda korrispondenza.

## 8 Kommunikazzjoni mis-Sindku

8.1 Is-Sindku qalet li l-kunsill kien hareg kwotazjoni ghall-xiri ta' airconditioners ghall-ufficcju.

## 9 Gheluq

Il-laqgha spiccat fit-7.15 pm u giet aggornata ghall-nhar it-Tnejn, 8 ta' Gunju 2015 fis-6.30 pm gewwa l-ufficju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

Arthur Pizzuto
Segretarju Ezekuttiv

Joanne Debono Grech
Sindku